MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2015

Numru 1/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**vs**

**Pauline Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Pauline Zahra bint John u Filomena nee' Falzon, imwielda Attard nhar is-7 ta' Awwissu 1973 u residenti gewwa Ta' Wejda Bldg, Fl10 Triq it-Torri, Mosta u detentrici tal-karta ta' l-identita' 341273M.

Akkuzata talli nhar it-8 ta' Awwissu 2015 ghall-habta tas-19:00hrs u matul is-sieghat ta' qabel gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, gewwa il-Kwartieri General tal-Pulizija fil-Floriana u gewwa l-Ghassa tal-Pulizija fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer

1. Attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew hebbiet, ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni li huma inkarigati skond il-ligi ghas-servizz pubbliku, filwaqt li kienu inkarigati skont il- ligi mis-servizz pubbliku, filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija lilu skond il-ligi mill-awtoritajiet kompetenti u cioe fuq il-persuni ta l-Ispettur P. Saliba, WPS3 J. Vella u PS 1330 A. Schembri.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija u l-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, ingurjat jew heddidt jew ghamlet offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil hsieb li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is servizz u cioe' fuq il persuni ta istess ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u kif ukoll fuq l-Ispettur M. Mercieca u WPC258 R. Camilleri.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WPS3 J.Vella hekk kif iccertifikat minn Dr. Odette Pace Med Reg 2195 tac-centru tas-sahha Floriana.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saqet vettura ta l-ghamla Nissan b'numru tar-registrazzjoni CBZ671 fl-inhawi ta bejn il-Mosta u Floriana f'postijiet pubblici minghajr ma kienet fi stat li ssuq minhabba li kienet taht l-influenza tax-xorb alkoholiku jew drogi jew wara li ikkunsmat alcohol.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta irrifjutat li taghti kampjun tan-nifs ghall-test tan nifs meta mehtieg li taghmel hekk skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(C) wara li giet avzata u ghalhekk ikkunsidrat li ikkomettiet reat u dan ai termini tal-artikolu 15(D) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti li joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika.

7. Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b`ghajjat u/jew glied.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallietx jew fixklet waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor.

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjutat li taghti jew tat il-partikularitajiet taghha foloz jew mhux sew lill-ufficjal tal-pulizija meta dan talabhomla waqt il-qadi ta' dmiru.

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kienet tinsab fis-sakra b'mod li ma kinietx tista tiehu hsieb taghha innifisha

Il-Qorti giet mitluba li hekk jidhirlha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmijja ufficjali tal-Pulizija sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, jew ghall-iskop ta' protezzjoni ta' l-imsemmija ufficjali skond l-Artikolu 383, 412C. tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 95, 96, 221, 222(1)(c) u 338(g)(bb)(dd)(ee)(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15A, 15B u 15D tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma  llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsdra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, l-eventwali koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta’l-imputata; hadet in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputata ghall-agir taghha u ghal bzonn li ghandha ta’ ghajnuna mill-vizzju tax-xorb.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 222(1)(c) u 338(g)(bb)(dd)(ee)(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 15A, 15B u 15D tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’l- imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u fir-rigward tar-raba u tal-hames imputazzjoni tikkundannaha multa ta’ elf u mitejn Euro (€1,200) li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur, u tiskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur; u fir-rigward ta’l-imputazzjonijiet l-ohra b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 qed tpoggiha taht ordni ta’

probation ghal perjodu ta’ sentejn (2) bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn jew jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------